MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Numru. 856/2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen Mallia)**

**v**

**Jesmond Sghendo ta' 33 sena bin il-mejjet Joseph u Margaret nee Zammit, imwieled Pieta' fid-19 ta' Jannar, 1970, u li joqghod fil-fond 'Lucianne Flats', Flat Nru. 2, Triq L. Zamenhof, Msida, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 70770 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jesmond Sghendo li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Talli fit-2 ta' Settembru, 2003 u fix-xhur ta' qabel, f'San Giljan u f'inhawi differenti f'dawn il-gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz AAD-253 fuq vettura tal-ghamla Ford Escort MK1 (numru tar-registrazzjoni originali LCB 225) ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument ieihor falsifikat billi wahhal in-numru ta' registrazzjoni AAD-253 fuq vettura tal-ghamla Ford Escort MK1 (numru tar-registrazzjoni originali LCB 225) ai termini tal-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni originali LCB 225, b'numri AAD-253 li jappartjenu vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq vettura tal-ghamla Austin Metro bin-numru tar-registrazzjoni originali AAD-253, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;

Akkuzat ukoll talli naqas li fi zmien sebat ijiem jaghti avviz bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar ix-xiri ta' vettura tal-marka Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni

originali LCB-225, u ta’ vettura tal-marka Austin Metro bin-numru tar-registrazzjoni originali AAD-253 ai termini tal-artikolu 26 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-kapitlu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fl-interrogatorju hu wiegeb li kien hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi ttrattata bi proceduri sommarji.

Rat il-kunsens tal-imputat ghal proceduri sommarji.

In vista tal-Ammissjoni tieghu issibu hati ta’ l-akkuzi kontra tieghu rat l-artikolu 188, 189 tal-Kapitlu 9, 15 tal-Kapitlu 9, artikolu 3 Kapitlu 104, Avviz Legali 128/1994 tal-kapitlu 65.

Rat il-fedina penali tieghu.

Tqis li piena karcerarja mhux wahda idoneu rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal sentejn mil-llum u dan fir-rigward tar-reati mahsuba taht l-artikolu 188 u 189 tal-Kapitlu 9 fir-rigward ta’ reati mahsuba taht il-Kapitlu 65 u Kapitlu 103 tikkundannah ghal multa ta’ mitejn u sebghin lira Maltin (Lm 270) u tiskwalifikah mili jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal sena mil-llum. Rat l-artikolu 23 tal-Kapitlu 9 u tordna l-konfiska tal-vettura Ford Escort.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------